MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Numru. 847/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**KEITH PACE**
**(ID Nru. 327480M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 847/2013

Illum, 18 ta` Gunju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 327480M.

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn il-wiehed u tletin (31) ta` Awwissu, 2013, u l-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn ta` filghodu (02:00hrs) gewwa Santa Venera, ikkommetta serq ta` diversi ghoddod u ghasafar ghad-dannu ta` Victor Bugeja, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu tal-ewro (€2,390.24), u aggravat ukoll bil-mezz, lok, hin u xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.
U aktar talli fl-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` filghodu (02:30am), gewwa Santa Venera u fi bnadi ohra fil-Gzejjer Maltin, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, bid-digriet li nghata mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri, LL.D., nhar is-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, kif ukoll bid-digriet mghoti mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, LL.D. fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju, 2009, liema digriet kien gie varjat mill-Emeritus Prim Imhallef Dr. Vincent DeGaetano. LL.D., nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta` Mejju, 2009.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Keith Pace u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta` ghaxar t'elef ewro (€10,000) bhala garanzija personali imposta fuqu bid-digriet ta` nhar is-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, u s-somma ta` hames t'elef (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuq bid-digriet ta` nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju, 2009, jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Finalment akkuzat talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat in-nota tal-Avukat Generali tat-12 ta` Dicembru, 2013, sabiex dawn il-proceduri jigu trattati sommarjamnt;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e) (f) (g), 263 (a), 246 (1), 267, 269 (g), 270, 271, 278, 279 (a), 280, 281, 334, 579 (2), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt l-investigazzjoni li kienet saret mill-Pulizija dwar attentat ta` serq fil-Head Office tal-BOV gewwa Santa Venera, fl-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, il-Pulizija kienet sabet lill-imputat f'cirkostanzi suspettuzi fl-inhawi. Dan kien ghal habta tas-saghtejn u kwart ta` filghodu (02:15am). Dak il-hin instab mill-Pulizija *chaser* mohbi gewwa kantuniera. L-imputat instab fil-kumpanija ta` persuna femminili, Maria Rosaria Grixti.

Illi, fil-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, Victor Bugeja ghamel rapport mal-awtoritajiet tal-Pulizija illi, fil-gurnata precedenti, jigifieri fil-wiehed u tletin (31) ta` Awwissu, 2013, kienet saret serqa mill-fond 43, Triq l-Imsida, Santa Venera, propjeta` minnu gawduta, fejn imur iqatta` xi ftit zmien jgheda bix-xoghol tal-injam u fejn izomm xi annimali zghar. Fost l-oggetti li huwa ddenunzja bhala nieqsa kienu *chaser* tal-marka BOSCH ta` kulur griz. Prova li sar dan ir-rapport hija x-xhieda ta` WPS224 Suzanne Mifsud li pprezentat id-debita okkurrenza. Illi Victor Bugeja xehed quddiem dina l-Qorti fl-ghaxra (10) ta` Settembru, 2013, fejn posittivament gharaf ic-*chaser* misjub mill-Pulizija fis-sit ta` fejn sar l-attentat ta` serq fil-Head Office tal-BOV gewwa Santa Venera u fejn kienu gew arrestati l-imputat u Grixti. L-identifikazzjoni hija wahda mija fil-mija meta x-xhud anke jaraf xi *tape* li huwa kien, fil-passat, wahhal mieghu sabiex jipprotegieh mill-grif.

Illi, in-prova ta` dak li gara fl-attentat hdejn il-Head Office tal-BOV fil-wiehed (1) ta` Settembru, 2013, u ghas-sejba ta` Keith Pace u c-*chaser* fuq il-post, il-Prosekuzzjoni tellghet bhala xhieda lil PC507 Rhys Cassar u lil PC476 Sean Friggieri. Xehed ukoll l-ispettur Keith Arnaud illi kkollabora x-xhieda ta` dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija. Xehed ukoll l-ispettur Arthur Mercieca li wkoll ipprezenta erba` sentenzi fil-konfront tal-imputat u prova tal-akkuza ta` ricediva.

Illi mit-tnax (12) ta` Dicembru, 2013, sal-llum, l-imputat inghata l-opportunita` li jgib il-provi tieghu izda huwa, konstantament, naqas milli jaghmel dan. Kien biss b'rikors tad-disgha (9) ta` Frar, 2015, illi l-imputat talab il-prolazzjoni tas-sentenza stante li l-kawza kienet giet iddiferita ghas-sentenza sabiex igib il-provi teighu izda dina l-Qorti cahdet din it-talba.

Illi dina l-Qorti tinsab sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxiet iggib il-provi sufficjenti in sostenn tal-akkuzi minnhom addebitati lill-imputat. L-imputat qatt ma gab spjegazzjoni tal-komportament tieghu nonostante li nghata varji opportunitajiet sabiex jaghmel dan.
Illi l-prova ta` ksur ta` kondizzjonijiet ta` helsien mill-arrest, dina l-akkuza wkoll tinsab ippruvata stanta li fl-attentat tal-ewwel (1) ta` Settembru, 2013, hdejn il-Head Office tal-BOV gewwa Santa Venera, huwa nstab fuq il-post fis-saghtejn u kwart ta` filghodu (02:15am) nonostante li huwa kellu l-obbilgu li jirrinkasa ruhu b'diversi digrieti ta` diversi Qrati.

Illi l-prova ta` recediv saret.

Il-Qorti waqt illi tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat tordna li s-somma ta` ghaxar t'elef ewro (€10,000) bhala garanzija personali imposta fuq l-imputat permess ta` digriet tas-sitta (6) ta` Awwissu, 2013, u s-somma tal-hames t'elef ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu b'digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta` Marzu, 2009 jghadduha favur tal-Gvern ta` Malta a tenur tal-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rigward il-piena din il-Qorti tikkundanna lill-istess imputat, Keith Pace, perjodu ta` tletin (30) xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------